

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Malta](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn Malta

Malta



Titgħies bħala vittma tal-kriminalità jekk tkun ġarrabt dannu, e.g. tkun sfajt imweġġa' jew inkella l-proprjetà tiegħek tkun għatilha l-ħsara jew insterqet, eċċ., b'riżultat ta' inċident li jkun jikkostitwixxi delitt skont il-liġi nazzjonali. Bħala vittma tal-kriminalità, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet individwali qabel, waqt u wara l-proċeduri quddiem il-qorti (proċess quddiem il-qorti kriminali).

Il-proċeduri kriminali f'Malta jibdeu bl-istħarriġ tad-delitt. Skont x'delitt ikun, l-istħarriġ isir mill-pulizija jew minn maġistrat istrutturju.

Delitti inqas serji (delitti punibbli b'multa jew bi priġunerija ta' inqas minn sitt xhur) jiġu mistħarriġin minn uffiċjal tal-pulizija. Jekk ikun hemm biżżejjed provi kontra min ikun wettaq ir-reat, l-uffiċjal tal-pulizija jressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għal proċess quddiem il-qorti kriminali u jaġixxi bħala prosekutur quddiem il-qorti. Matul il-proċess quddiem il-qorti, imħallef jeżamina l-provi u jikkundanna jew jillibera mill-akkużi lil min ikun wettaq ir-reat. Jekk min ikun wettaq ir-reat jiġi kkundannat, l-istess imħallef jispeċifika l-piena li għandha tiġi imposta.

Id-delitti l-oħrajn kollha jiġu investigati minn maġistrati istrutturji. Jekk ikun hemm biżżejjed provi kontra min ikun wettaq id-delitt, il-maġistrat istrutturju jressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Maġistrati teżamina l-provi u jekk ikun hemm biżżejjed provi tibgħat il-każ lill-Avukat Ġenerali. L-Avukat Ġenerali mbagħad iressaq il-każ quddiem il-Qorti Kriminali biex din tibda l-proċeduri. Matul il-proċess quddiem il-qorti, il-prosekutur itella' lil min ikun wettaq ir-reat quddiem imħallef u ġurija. Il-ġurija tiddeċiedi jekk l-imputat ikunx ħati jew le. Jekk l-imputat jiġi kkundannat, l-imħallef jispeċifika l-piena li għandha tiġi imposta.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

[1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat](#)

[2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess](#)

[3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

[4 - Kumpens](#)

[5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

Paġni relatati

- [Vittmi \(proċeduri kriminali\)](#)

L-aħħar aġġornament: 14/04/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni se nirċievi mingħand l-awtorità wara li jseħħ ir-reat (pereż. mingħand il-pulizija, il-prosekutur pubbliku), iżda anki saħansitra qabel ma nirrapporta r-reat?

Mill-ewwel kuntatt mal-pulizija għandek tingħata l-informazzjoni li ġejja:

1. It-tip ta' appoġġ li tista' tingħata u minn min;
2. il-proċeduri kif isir ir-rapport dwar ir-reat u r-rwol tal-vittma fil-proċeduri relattivi;
3. kif u taħt liema kundizzjonijiet tista' tingħata protezzjoni;
4. kif u taħt liema kundizzjonijiet ikollok aċċess għal parir legali, għajnuna legali jew parir ieħor;
5. kif u taħt liema kundizzjonijiet jista' jkollok aċċess għall-kumpens;
6. kif u taħt liema kundizzjonijiet tkun intitolata għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni;
7. jekk tkun residenti fi Stat Membru differenti minn dak fejn seħħ ir-reat, kull miżura, proċedura jew arranġamenti speċjali, li huma disponibbli sabiex jitħarsu l-interessi tiegħek f'Malta;
8. il-proċeduri disponibbli biex jitressqu lmenti meta d-drittijiet tiegħek bħala vittma ma jkunux rispettati mill-Pulizija;
9. id-dettalji ta' kuntatt għall-komunikazzjonijiet dwar il-każ tiegħek;
10. is-servizzi ta' ġustizzja riparatriċi disponibbli;

kif u taħt liema kundizzjonijiet tista' tiġi rimborżat/a għal spejjeż li għamilt biex tiegħu sehem fil-proċess kriminali

Jien ma ngħixx fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhum mħarsa d-drittijiet tiegħi?

Bħala vittma ta' reat li seħħ fi Stat Membru ieħor, jekk tkun tgħix f'Malta għandek dritt tirraporta r-reat lill-pulizija f'Malta. Ladarba tagħmel ir-rapport, il-pulizija f'Malta huma marbutin li jibgħatu mingħajr dewmien ir-rapport lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn seħħ ir-reat, sakemm ma jkunux bdew il-proċeduri huma.

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni se nirċievi?

Meta tirraporta reat għandek tingħata mill-pulizija rikonoxximent bil-miktub tar-rapport tiegħek, li fih ikun hemm dikjarati l-elementi bażiċi tar-reat in kwistjoni. barraminnekk, għandek dritt, fuq talba tiegħek, li tirċievi informazzjoni dwar:

1. kwalunkwe deċiżjoni li ma titkomplix jew li twaqqaf investigazzjoni jew li ma jittieħdux passi kontra t-trasgressur
2. il-ħin u l-post tal-proċess kriminali, u n-natura tal-akkużi kontra t-trasgressur
3. kwalunkwe sentenza finali fil-proċess
4. informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-proċeduri kriminali
5. ir-rilaxx jew ħarba mid-detenzjoni tat-trasgressur u dwar kwalunkwe miżura maħruġa għall-protezzjoni tiegħek f'każ ta' rilaxx jew ħarba tat-trasgressur

Fil-każijiet kontemplati f'a u ċ inti għandek tingħata r-raġunijiet jew sommarju tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni in kwistjoni.

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni libera jew ta' traduzzjoni (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħra, jew matul l-

investigazzjoni u l-proċess)?

Il-pulizija għandhom jiżguraw li inti qed tifhem u qed tiġi mifhum/a. jekk ma tifhimx jew ma titkellimx bil-Malti jew bil-Ingliż, inti għandek dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni f'lingwa li tifhem.

Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li jien qed niġi mifhum (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabbiltà)

Il-komunikazzjoni trid issir b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli u għandhom jiġu rispettati l-karatteristiċi personali tiegħek inkluż kwalunkwe diżabbiltà li tista' taffettwa l-abbiltà tiegħek biex tifhem jew tinftiehem. Barraminnekk, inti għandek dritt li tiegħu miegħek persuna tal-għażla tiegħek fl-ewwel kuntatt mal-pulizija, jekk minħabba l-impatt tar-reat inti jkollok bżonn l-għajnuna biex tifhem jew tinftiehem. meta l-vittma tkun diżabbli jew minorenni, il-pulizija dejjem jitolbu l-assistenza tas-social workers fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u jekk tinħass il-ħtieġa tista' titlob ukoll għall-assistenza ta' professjonisti oħra fil-qasam.

Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

Min jagħti appoġġ lill-vittmi? Il-pulizija se tibgħatni awtomatikament għand is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi?

Mal-ewwel kuntatt tiegħek mal-pulizija huma jagħtuk informazzjoni dwar it-tip ta' appoġġ li tista' tikseb u minn min, inkluż appoġġ mediku, appoġġ psikoloġiku u saħansitra akkomodazzjoni alternattiva. Barraminnekk, il-Pulizija għandhom jirreferuk għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, mingħajr dewmien.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Is-servizz ta' appoġġ jingħata b'mod kunfidenzjali

Għandi nirrapporta reat qabel ma jista' jkollok aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi?

Inti jista' jkollok aċċess għal dawn is-servizzi anki jekk qabel ma tkun irrapportajt formalment ir-reat

Il-protezzjoni personali jekk inkun f'periklu

X'tipi ta' protezzjoni hemm disponibbli?

Il-pulizija għandha mill-ewwel tiżgura li inti tineħħa mill-periklu, jekk wara l-evalwazzjoni li ssir jirriżulta li inti fil-periklu. Jekk il-pulizija tikkonkludi li min ikun wettaq ir-reat ikun persuna perikoluża, hi tista' tarresta t-trasgressur u ttella' l-każ quddiem il-qorti b'urġenza u titlob lill-qorti biex tordna li jinżamm detenu.

Inti tista' wkoll titlob lill-uffiċjal tal-pulizija inkarigat mill-każ tiegħek biex ipoġġik fi programm għall-protezzjoni tal-vittmi. Tkun trid tiddikjara li tkun se tixhed kontra min ikun wettaq ir-reat waqt is-smiġħ tal-qorti. Jekk l-uffiċjal tal-pulizija jkun konvint li x-xhieda tiegħek jew provi oħra li jkollok ikunu importanti għall-każ, huwa jitlob lill-Avukat Ġenerali biex ipoġġik fi programm għall-protezzjoni tal-vittmi. Il-programm jista' jkopri wkoll lill-membri tal-familja tiegħek u qraba oħrajn. Normalment ikun jikkonsisti f'miżuri li jiggarrantixxu s-sikurezza personali tiegħek u/jew jipproteġu l-propjeta' tiegħek.

Min jista' joffrili protezzjoni?

Il-Pulizija

Xi ħadd se jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk għadnix fil-periklu mit-trasgressur?

Iva l-pulizija jagħmlu din l-evalwazzjoni

Xi ħadd se jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk iniex f'riskju ta' periklu ieħor mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (waqt l-investigazzjoni u l-proċess)?

Jekk waqt il-proċeduri fil-Qorti jirriżulta li għad hemm periklu, il-pulizija tista' titlob lill-qorti sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront tiegħek u l-familjari tiegħek.

X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

F'każijiet ta' vjolenza domestika l-vittmi jingħataw rifuġju f'xelters apposta

Jien minorenni – għandi xi drittijiet speċjali?

Jekk int minorenni, ir-rapport dwar ir-reat jista' jsir minn ġenitur jew tutor.

Bħala minorenni, f'każ li l-ġenitur jew kustodji tiegħek ma jistgħux jirrapreżentaw minħabba kunflitt ta' interessi jew jekk inti m'intix akkumpanjat jew int separat mill-familjatiegħek, il-qorti minn jedda taħtar avukat tat-tfal jew avukat tal-għajjuna legali biex jirrapreżenta l-interessi tiegħek.

Membru tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat – x'inhuma drittijiet?

Inti titqies bħala vittma u għandek l-istess drittijiet tal-vittmi ta' reat

Membru tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat – x'inhuma drittijiet?

Inti tista' tagħmel ir-rapport minflok il-vittma jekk hu konjuġi, ġenitur, wild, ħuk jew int tutor tiegħu.

Jista' jkolli aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Se nkun sikur waqt il-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat tkun disponibbli waqt il-proċeduri kriminali meta t-trasgressur jammetti jew jinstab ħati. F'każ ta' ammissjoni jew sejba ta' ħtija, hemm diversi modi kif medjazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata tramite l-Qrati tal-Ġustizzja. Aċċess għas-servizz ta' medjazzjoni jista' jingħata billi ssir talba lill-Qorti, permezz ta' rikors, mill-prosekutur u/jew l-avukat difensur u/jew l-uffiċjal tal-probation, sabiex il-każ jgħaddi għall-medjazzjoni.

Jekk il-Qorti tilqa' t-talba, il-każ jiġi rinviat lill-Kumitat għall-Medjazzjoni bejn il-Vittma u min Wettaq ir-reat (Kumitat) fi ħdan id-Dipartiment tal-Probation u Parole, liema kumitat, wara li jeżamina l-informazzjoni kollha rilevanti, jiddeċiedi jekk il-każ għandux jgħaddi għall-medjazzjoni jew le. Jekk il-Kumitat jiddeċiedi li jgħaddi l-każ għall-medjazzjoni, l-każ jiġi assenjat lill-medjatur. Il-medjatur jikkuntattja kemm lill-vittma kif ukoll lil min wettaq ir-reat u jiltaqa' magħhom individwalment bl-iskop li ssir it-tielet laqgħa li għaliha jattendu ż-żewġ partijiet. Biex isir il-proċess ta' medjazzjoni, il-medjatur għandu jiżgura li ż-żewġ partijiet ser jibbenefikaw mill-proċess u li m'hemmx riskju ta' vittimizazzjoni sekondarja.

Fejn nista' nsib il-liġi li tistipula d-drittijiet tiegħi?

Il-liġi li tistipula d-drittijiet tiegħek hi l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalita' - [Kapitolu 539 tal-Liġijiet ta' Malta](#) -

Kwantu għall-medjazzjoni l-liġi applikabbli hi l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi - [Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta](#)

■ L-aħħar aġġornament: 14/04/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

Kif nista' nirraporta reat?

Jekk sfajt vittma ta' reat tista' tirraportah għand il-pulizija. Ir-rapport jistgħu jagħmluh minflok il-konjuġi, il-ġenituri, l-ulied, ħutek jew it-tutor. Tista' wkoll tgħarraf lill-pulizija jekk tkun sirt taf b'reat anki meta ma tkunx il-vittma.

Tista' tirraporta reat bil-fomm, billi tmur fl-eqreb għassa tal-pulizija jew billi ċċempel fuq in-numru ta' emerġenza 112 f'każijiet li jeħtieġu assistenza immedjata, jew billi tħalli r-rapport fl-għassa tal-pulizija jew billi tibgħat ittra. Jekk tagħżel li tibgħat rapport bil-miktub, tista' tabbozzah int stess jew titlob l-għajnuna ta' avukat. M'hemm l-ebda formola li trid timxi magħha bilfors. Normalment ir-rapport isir dl-Ingliż jew bil-Malti iżda jekk ma tifhimx jew titkellimx b'xi waħda minn dawn iż-żewġ lingwi, għandek id-dritt li tagħmel ir-rapport b'lingwa li tifhem jew billi tingħata l-għajnuna ta' interpretu. Trid tinkludi d-dettalji personali tiegħek. Fil-prinċipju jiġu aċċettati wkoll rapporti anonimi, iżda l-pulizija tibda tistħarreġ rapport bħal dan biss kemm -il darba r-reat ikun wieħed serju ħafna.

M'hemm l-ebda żmien sa meta trid tirraporta reat. Madankollu, il-liġi tgħid li jekk kiun għadda ċertu perjodu ta' żmien minn mindu jkun seħħ ir-reat, ma jkunx jistgħu jinbdew proċeduri kriminali kontra min wettqu. Il-perjodu jiddependi minn x'tip ta' reat ikun, u jvarja minn tliet xhur għar-reati l-inqas serji (eżempju tgħajir bil-fomm) għal għoxrin sena għal reati partikolarment serji (eżempju qtil). Wara dak il-perjodu, xorta waħda tista' tagħmel rapport imma l-pulizija ma jistħarreġ id-delitt. Anki jekk jistħarreġ, il-qorti tillibera lil min ikun wettaq ir-reat mill-akkużi.

Fil-każ ta' ċerti reati żgħar, tkun trid tagħmel rapport speċjali għand il-pulizija. Dawn huma l-każi fejn mingħajr tali lment il-pulizija ma jitħallew x jibdew jistħarreġ. L-ilmenti s-soltu għalkemm mhux bilfors, isiru bil-miktub. Tista' titlob lil avukat biex jiktiblek l-ilment. Fl-ilment trid tinkludi: id-dettalji personali tiegħek (l-isem, l-indirizz, in-numru tal-karta ta' l-identita'), tagħrif dwar min ikun wettaq ir-reat, deskrizzjoni ta' dak li ġara u lista ta' xhieda, bl-indirizzi tagħhom, li tkun tixtieq li l-pulizija tkellimhom. Huwa rakkomandat ukoll li tinkludi referenza għad-disposizzjoni legali li taħseb li kiser min wettaq ir-reat, iżda mhux obligatorju.

Kif nista' nsir naf x'qed jiġri dwar il-każ?

Meta tirraporta reat, tingħata numru ta' referenza. Dan in-numru tista' tużah biex tara f'xi wasal il-każ. Fil-prattika tista' tiċċekkja wkoll billi tuża d-data meta tkun għamilt ir-rapport. Tista' tirċievi informazzjoni dwar l-istħarreg billi tmur l-għassa tal-pulizija jew billi ċċempel bit-telefon.

Għandi dritt għal għajnuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess)? B'liema kundizzjonijiet?

Il-vittmi ta' reat huma ntitolati għal għajnuna legali

Nista' nitlob lura l-ispejjeż (biex nieħu sehem fl-investigazzjoni/fil-proċess)? B'liema kundizzjonijiet?

Iva, tista' titlob lura l-ispejjeż.

Nista' nappella jekk il-każ tiegħi jingħalaq qabel ma mmur il-qorti?

Jekk wara li l-pulizija jistħarreġ r-reat, jiddeċiedu li jagħlqu l-każ mingħajr ma jressquh quddiem il-qorti, bħala vittma inti tista' tappella kontra din id-deċizzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Maġistrati titolbok tikkonferma bil-ġurament l-informazzjoni li tkun tajt fir-rapport u tistqarr li lest tixhed fil-qorti. Ikollok ukoll tħallas somma flus li tiġi stabbilita mill-qorti bħala garanzija li l-intenzjoni tiegħek li tiftaħ il-proċeduri kontra min ikun wettaq ir-reat tkun serja. Il-Qorti tal-Maġistrati teżamina l-provi u jekk issibhom b'iżejjed, tordna lill-pulizija biex jissoktaw il-proċeduri.

Nista' nkun involut fil-proċess?

Tista' tiegħu sehem fil-proċeduri anki bħala parti ċivili. Biex tidħol fil-proċeduri bħala parti ċivili tkun trid tippreżenta t-talba tiegħek permezz ta' applikazzjoni fil-qorti. Il-qorti teżamina l-applikazzjoni tiegħek u tiddeċiedi jekk tħallixx issir parti ċivili. Bħala parti ċivili tkun tista' tattendi għas-seduti kollha tal-qorti, anki dawk li ma jkunux miftuħin għall-pubbliku u anki jekk tkun ser tixhed fil-proċediment.

X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien nista' nkun jew nista' nagħżel li nkun: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?

Inti tista' tkun xhud u anki parti ċivili, kif spjegat hawn fuq.

X'inhuma d-drittijiet tiegħi u l-obbligi f'dan ir-rwol?

Id-drittijiet u l-obbligi tiegħek waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali jiddependi minn liema qorti tisma' l-każ tiegħek:

- jekk il-prosekuzzjoni fil-każ tiegħek imexxiha uffiċjal tal-pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ikollok kważi l-istess drittijiet daqs l-imputat: inti jew l-avukat tiegħek tkunu tistgħu tressqu l-provi, tagħmlu kontroeżami tax-xhieda (billi tistaqsu l-mistoqsijiet permezz tal-uffiċjal tal-pulizija li jkun qed imexxi l-prosekuzzjoni eċċ.
- jekk il-prosekuzzjoni fil-każ tiegħek imexxiha l-Avukat Ġenerali, id-Deputat Avukat Ġenerali jew prosekutur pubbliku quddiem il-Qorti Kriminali, tkun tista' tattendi biss għas-smiġħ u tressaq argumentazzjoni b'rabta mas-sentenza jekk il-ġurija tkun sabet lill-imputat ħati.

Nista' nagħmel dikjarazzjoni jew nixhed waqt il-proċess? b'liema kundizzjonijiet?

Waqt il-proċess kriminali inti aktarx tissejjaħ biex tagħti x-xhieda tiegħek għaliex il-qorti tkun trid tisma' x-xhieda tiegħek bħala vittma tar-reat.

X'informazzjoni se nirċievi waqt il-proċess?

Inti jkollok dritt li tinżamm infurmat dwar dak li qed jiġri fil-proċess kriminali kif ukoll li tkun infurmat bis-sentenza finali

Jista' jkolli aċċess għall-fajls tal-Qorti?

Bħala parti ċivili jkollok aċċess għall-atti u d-dokumenti tal-qorti.

■ L-aħħar aġġornament: 14/04/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra s-sentenza?

Il-proċess quddiem il-qorti kriminali jintemm b'deċizzjoni tal-qorti li tikkundanna jew tillibera mill-akkużi lill-imputat. Jekk l-imputat jinstab ħati, l-Imħallef jissentenzjah. Skont il-liġi Maltija, huma biss l-imputat u l-Avukat

Ġenerali li għandhom id-dritt li jappellaw mill-kundanna/liberazzjoni mill-akkużi u/jew mis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Madankollu, jekk ikun sar appell u inti kont parti ċivili fl-ewwel proċess quddiem il-qorti kriminali, l-avukat tiegħek jitħalla jeżamina d-dokumenti rilevanti kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-proċedura tal-appell.

X'inhuma drittijeti wara s-sentenza?

Wara li tidħol fis-seħħ is-sentenza, għandek dritt tirċievi kopja tad-deċizzjoni tal-Qorti. jekk il-qorti tissentenzja lit-trasgressur għal sentenza ta' priġunerija, inti għandek dritt li tkun infurmat/a meta t-trasgressur jiġi rilaxxat jew inkella jekk jaħrab.

Jien intitolat għal appoġġ jew għal protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

Inti għandek dritt għal appoġġ jew għal protezzjoni wara li jintemmu l-proċeduri kriminali, matul u għal żmien xieraq.

X'informazzjoni nista' ningħata jekk it-trasgressur jiġi kkundannat?

Inti tingħata koja tas-sentenza finali.

Se nkun infurmat jekk it-trasgressur jinħeles (inkluż ħelsien kmieni jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?

Iva, inti tkun infurmat/a meta t-trasgressur jiġi rilaxxat jew jaħrab.

Se nkun involut dwar deċizzjonijiet biex jinħeles jew biex jingħata libertà kondizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel dikjarazzjoni jew inressaq appell?

Ma tkunx involut f'tali deċizzjonijiet għalkemm tkun infurmat/a dwarhom.

■ L-aħħar aġġornament: 14/04/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

4 - Kumpens

X'inhil-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trasgressur? (pereż. kawża fil-qorti, kawża ċivili, talba għad-danni)

Il-proċedura legali biex titlob kumpens mingħand it-trasgressur hija li tiftaħ kawża ċivili għad-danni kontrib, sakemm ma jkunx hemm diġa' xi ordni ta' ħlas mit-trasgressur lill-vittma maħruġa mill-qorti kriminali.

Il-qorti ordnat lit-trasgressur biex iħallasni għad-danni/jagħtini kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallasni?

Meta jkun hemm ordni bħal dik, inti jkollok dritt teżegwixxi dik l-ordni daqsliekeku kellek favur tiegħek deċizzjoni

tal-qorti ċivili bil-konsegwenza li tkun tista' saħansitra tipproċedi billi titlob fruġ ta' mandati ta' qbid u sekwestru.

Jekk it-trasgressur ma jhallasx, l-Istat jista' jhallasni bil-quddiem? B'liema kundizzjonijiet?

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, allura hemm possibilita' li l-Gvern iħallas lill-vittma bil-quddiem taħt ċertu kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Għandi dritt għal kumpens mingħand l-Istat?

Iva għandek dritt titlob kumpens mingħand l-Istat taħt skema għal ħsara kkawżata mill-kriminalita'.

Jien intitolat għal kumpens jekk it-trasgressur ma jinstabx ħati?

Hemm jedd għal kumpens anke meta t-trasgressur ma jinstabx ħati jew ma jkunx magħruf.

Għandi dritt għal pagament ta' emerġenza waqt li qed nistenna li tiġi deċiża t-talba għall-kumpens tiegħi?

Eċċezzjonalment, jista' jkun hemm pagament t'emerġenza sakemm tiġi finalment deċiża t-talba għall-kumpens.

■ L-aħħar aġġornament: 06/05/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

Jiena vittma ta' reat, lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u l-assistenza?

Il-Pulizija

Sit elettroniku: <https://pulizija.gov.mt/en/>

L-aġenzija nazzjonali tal-assistenza soċjali għat-tfal u l-familji fil-bżonn, Appoġġ

Sit elettroniku: <https://fsws.gov.mt/mt/appogg/>

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja - għal assistenza dwar kumpens għal ħsara kkawżata mill-kriminalita'

Kuntatti:

Indirizz elettroniku: info.justicedepartment@gov.mt Numru tat-telefon: +356 25674330

Indirizz: 21, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1443

Legal Aid Malta Agency

Sit elettroniku: <https://legalaidmalta.gov.mt/>

Il-hotline għall-appoġġ tal-vittmi

Supportline 179

L-appoġġ għall-vittmi huwa bla ħlas?

Iva, l-appoġġ għall-vittmi jingħata bla ħlas.

X'tip ta' appoġġ nista' nirċievi mis-servizzi tal-Istat jew mill-awtoritajiet?

Inti għandek dritt tirċievi servizzi ta' appoġġ li jikkonsistu f'li ġej:

1. informazzjoni, pariri u appoġġ rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi, inkluż aċċess għal skemi ta' kumpens għal ħsara kriminali u fuq ir-rwol tiegħek fil-proċeduri kriminali, inkluż il-preparazzjoni għall-attendenza waqt il-proċeduri;
2. informazzjoni dwar jew referenza diretta għal kwalunkwe servizzi rilevanti ta' appoġġ li jkunu disponibbli;
3. appoġġ emozzjonali, u fejn disponibbli, psikoloġiku;
4. pariri marbutin ma' kwistjonijiet finanzjarji u prattiċi;
5. pariri relatati mar-riskju u l-prevenzjoni ta' vittimizazzjoni sekondarja u ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni.

X'tip ta' appoġġ nista' nirċievi minn organizzazzjonijiet mhux governattivi?

Minn għand il-Victim Support Malta tista' tirċievi support emozzjonali biex toħroġ mit-trauma ikkawżata mir-reat, informazzjoni legali dwar proċeduri kriminali relatati mal-vittmi ta' reati u għajnuna prattika bħal per eżempju assistenza fil-komunikazzjoni mal-Pulizija.

Sit elettroniku: <http://victimsupport.org.mt/>

[St Jeanne Antide Foundation](#)

■ L-aħħar aġġornament: 15/04/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.